Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2025/0084(COD)

26.5.2025

EMENDI
1 - 153

Abbozz ta' rapport
Dragoş Benea
Emenda tar-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu

Proposta għal regolament
(COM(2025)0123 – 2025/0084(COD))

Emenda 1
Cristina Guarda, Rasmus Nord qvist, Tineke Strik, Daniel Freund, Vladimir Prebilič, Krzysztof Śmiszek, Chloé Ridel, Jean-Marc Germain, Moritz Körner, Fabienne Keller, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għalREGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILLli jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 ***u*** (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058***,*** (UE) 2021/1056 ***u (UE) 2021/1060*** fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu

Or. en

Emenda 2
Dario Tamburrano, Valentina Palmisano

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli 175, 177, 178 u 322 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli ***174,*** 175, 177, 178 u 322 tiegħu,

Or. en

Emenda 3
Christian Doleschal

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u,

b'mod partikolari, l-Artikoli 175, 177, 178 u 322 tiegħu,	b'mod partikolari, l-Artikoli ***174,*** 175, 177, 178 u 322 tiegħu,

Or. en

Emenda 4
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-mobbiltà militari hija faċilitatur kritiku tas-sigurtà tal-Unjoni u hija identifikata bħala qasam ta' prijorità għall-azzjoni fl-UE[1a], kif ukoll prijorità ewlenija fil-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO[1b]. Huwa stmat li huma meħtieġa EUR 70 biljun b'mod urġenti biex jiġi żgurat li l-infrastruttura tat-trasport madwar l-Unjoni tkun adattata għal skopijiet b'użu doppju. Għalkemm ġie allokat finanzjament għall-mobbiltà militari taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), dan jibqa' insuffiċjenti. Huwa meħtieġ ħafna aktar investiment fil-livell tal-UE biex jiġu żviluppati u aġġornati n-networks tat-trasport biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti attwali u futuri tad-difiża.

[1a] Preżentazzjoni tal-White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea fil-Parlament Ewropew, Sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew, 11 ta' Marzu, 2025

[1b] Mihai Chihaia, Military mobility 2.0 revisited: Lessons learnt, iċ-Ċentru tal-Politika Ewropea, 13 ta' Novembru 2024, https://www.epc.eu/en/Publications/Military-mobility-2.0-revisited-Lessons-learnt.

Or. en

Emenda 5
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'dawn l-aħħar snin, ***id-dinamika ġeopolitika*** kienet ikkaratterizzata minn ***inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija*** strateġika***, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi***, soċjali u ***teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi*** esterni ***billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi***.	(1) F'dawn l-aħħar snin, ***l-ekonomija Ewropea*** kienet ikkaratterizzata minn ***prezzijiet għoljin tal-enerġija u dipendenza enerġetika persistenti, li jimminaw il-kompetittività tal-Unjoni u jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti ta' investimenti strutturali fis-sigurtà tal-enerġija affordabbli. Tali investimenti huma essenzjali biex tissaħħaħ l-awtonomija*** strateġika ***tal-Ewropa***, ***tittejjeb ir-reżiljenza ġeopolitika tagħha, u jipprovdu pedament sostenibbli għaż-żamma ta' standards ekonomiċi***, soċjali u ***ambjentali għoljin, kif ukoll biex jintlaħqu l-objettivi ambizzjużi tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-investiment f'networks transfruntiera tal-elettriku huwa kruċjali biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet strutturali tal-enerġija tal-Ewropa. It-tisħiħ tal-interkonnettività bejn il-grilji nazzjonali jippermetti użu aktar effiċjenti ta' enerġija rinnovabbli, itejjeb ir-reżiljenza tas-sistema kontra xokkijiet fil-provvista, u jnaqqas id-dipendenza fuq sorsi*** esterni ***tal-enerġija***. ***Madankollu, l-iżvilupp ta' tali infrastruttura spiss jiġi ostakolat minn restrizzjonijiet finanzjarji, oqfsa regolatorji frammentati, u rekwiżiti ta' koordinazzjoni kumplessi bejn l-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 6
Christian Doleschal

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.	(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi. ***Dawn id-dinamiċi jaffettwaw lill-Istati Membri, ir-reġjuni, u l-awtoritajiet lokali tal-Unjoni kollha fir-rigward tat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-avvanz tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu jkompli jindirizza r-reġjuni kollha tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 7
Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, ***li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u tas-sigurtà*** tal-Unjoni ***flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu***	(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, ***li tirrikjedi li ssir enfasi mill-ġdid fuq l-iżgurar tal-kompetittività ekonomika*** tal-Unjoni***, is-salvagwardja tal-bażi industrijali tagħha, l-iżgurar ta' enerġija affordabbli għaċ-ċittadini u l-intrapriżi kollha, u t-tnaqqis ta' regolamentazzjoni żejda li xxekkel l-industriji tradizzjonali***.

aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.

Or. en

Emenda 8
Raúl de la Hoz Quintano, Elena Nevado del Campo

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.	(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali***, demografiċi*** u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi***, u tiġi indirizzata t-tranżizzjoni demografika u ż-żieda tad-depopolazzjoni***.

Or. en

Emenda 9
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Gheorghe Falcă

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.	(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni ***b'mod realistiku u gradwali u fi djalogu kostanti mal-industriji affettwati*** biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.

Or. ro

Emenda 10
Valentina Palmisano, Giuseppe Antoci
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u ***tas-sigurtà*** tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied	(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u ***tas-salvagwardja tal-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt*** tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-

l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.	dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.

Or. en

Emenda 11
Şerban Dimitrie Sturdza, Aurelijus Veryga

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, ***jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex*** tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.	(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ekoloġika prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.

Or. en

Emenda 12
Rody Tolassy, André Rougé, Julien Leonardelli, Marie-Luce Brasier-Clain, Denis Nesci

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn	(1) F'dawn l-aħħar snin, id-dinamika ġeopolitika kienet ikkaratterizzata minn

inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija ***ekoloġika*** prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.	inċertezza profonda, li teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-awtonomija strateġika, tar-reżiljenza u tas-sigurtà tal-Unjoni flimkien mal-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, soċjali u teknoloġiċi. Dawk it-trasformazzjonijiet simultanji juru l-ħtieġa urġenti li jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika u jitnaqqsu d-dipendenzi esterni billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tiżdied l-enerġija prodotta domestikament, u jsir investiment f'setturi kritiċi.

Or. fr

Emenda 13
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Gheorghe Falcă

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fid-dawl tal-kuntest ġeopolitiku instabbli u r-riskju ta' kriżijiet futuri, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-ikel fil-livell tal-Unjoni Ewropea huwa prijorità strateġika. Għal dan il-għan, il-fondi ta' koeżjoni jridu jintużaw biex jiffinanzjaw il-ħolqien u l-iżvilupp ta' riżervi strateġiċi tal-ikel billi jistabbilixxu mħażen reġjonali li kapaċi jiżguraw provvista kontinwa lill-popolazzjoni u lill-armata f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, inkluż fil-każ ta' kunflitt armat.

Or. ro

Emenda 14
André Rougé, Rody Tolassy, Marie-Luce Brasier-Clain, Irmhild Boßdorf

Proposta għal regolament

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Billi t-trasformazzjonijiet ġeopolitiċi wrew il-fraġilità tal-ktajjen ta' provvista madwar id-dinja, huwa essenzjali li l-fondi ta' koeżjoni jippromwovu b'mod prijoritarju l-impriżi stabbiliti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fis-setturi strateġiċi bħall-enerġija, is-saħħa, l-ikel, is-semikondutturi u d-difiża.

Or. fr

Emenda 15
Christian Doleschal

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Bħala l-istrument ewlieni ta' investiment tal-Unjoni fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-politika ta' koeżjoni għandha rwol kruċjali fl-appoġġ ta' dawk il-prijoritajiet. Hija tixpruna investimenti mmirati li jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali filwaqt li, fl-istess ħin, tindirizza l-isfidi emerġenti.	(2) Bħala l-istrument ewlieni ta' investiment tal-Unjoni fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-politika ta' koeżjoni għandha rwol kruċjali fl-appoġġ ta' dawk il-prijoritajiet. Hija tixpruna investimenti mmirati li jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali filwaqt li, fl-istess ħin, tindirizza l-isfidi emerġenti. ***Barra minn hekk, dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu huwa impenjat lejn il-prinċipju tas-sħubija u l-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli biex tiġi ssalvagwardjata implimentazzjoni effettiva, reġjonali u ċċentrata fuq iċ-ċittadin tal-politika ta' koeżjoni. Dan ir-Regolament jirrikonoxxi s-sinifikat politiku u prattiku li għandha l-politika ta' koeżjoni tal-UE speċjalment għall-awtoritajiet reġjonali u lokali biex iwasslu l-valur miżjud tal-politika ta' koeżjoni tal-UE qrib iċ-ċittadini tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 16
Sabrina Repp, Hannes Heide, Matthias Ecke, Klára Dobrev

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Bħala l-istrument ewlieni ta' investiment tal-Unjoni fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-politika ta' koeżjoni ***għandha rwol kruċjali fl-appoġġ ta' dawk il-prijoritajiet. Hija*** tixpruna investimenti mmirati li jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ***filwaqt li, fl-istess ħin, tindirizza l-isfidi emerġenti***.	(2) Bħala l-istrument ewlieni ta' investiment tal-Unjoni fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-politika ta' koeżjoni tixpruna investimenti mmirati li jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ***fit-tul, inaqqsu l-inugwaljanzi u jsaħħu r-reżiljenza. Il-politika ta' koeżjoni ma sservix bħala mekkaniżmu ta' averżjoni għall-kriżijiet, iżda bħala strument għall-iżvilupp strutturali fit-tul speċjalment ta' żoni rurali u dawk fil-proċess ta' trasformazzjoni.***

Or. en

Emenda 17
Marcos Ros Sempere, Dragoş Benea, Nora Mebarek, Sabrina Repp, Sérgio Gonçalves, Andi Cristea, Rosa Serrano Sierra, Sofie Eriksson, Hannes Heide, Klára Dobrev, Sakis Arnaoutoglou, Raffaele Topo

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Bħala l-istrument ewlieni ta' investiment tal-Unjoni fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-politika ta' koeżjoni għandha rwol kruċjali fl-appoġġ ta' dawk il-prijoritajiet. Hija tixpruna investimenti mmirati li jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali filwaqt li, fl-istess ħin, tindirizza l-isfidi emerġenti.	(2) Bħala l-istrument ewlieni ta' investiment tal-Unjoni fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-politika ta' koeżjoni għandha rwol kruċjali fl-appoġġ ta' dawk il-prijoritajiet. Hija tixpruna investimenti mmirati li jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ***kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,***

filwaqt li, fl-istess ħin, tindirizza l-isfidi emerġenti.

Or. en

Emenda 18
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Bħala l-istrument ewlieni ta' investiment tal-Unjoni fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-politika ta' koeżjoni ***għandha*** rwol kruċjali fl-appoġġ ta' dawk il-prijoritajiet***. Hija tixpruna*** investimenti mmirati li jikkontribwixxu ***għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali filwaqt li, fl-istess ħin, tindirizza l-isfidi emerġenti***.	(2) Bħala l-istrument ewlieni ta' investiment tal-Unjoni fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-politika ta' koeżjoni ***jista' jkollha*** rwol kruċjali fl-appoġġ ta' dawk il-prijoritajiet ***billi tixpruna*** investimenti mmirati li jikkontribwixxu ***għall-mobbiltà militari u l-infrastruttura tan-networks transfruntiera tal-elettriku filwaqt li jissalvagwardjaw l-integrità ta' għanijiet partikolari tat-trattat tal-politika ta' koeżjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-kuntest attwali politikament u ekonomikament ta' sfida, l-użu strateġiku tal-finanzjament limitat huwa aktar importanti minn qatt qabel. Din l-emenda tiċċara li l-bidliet proposti jintroduċu enfasi strateġiku speċifiku — billi jillimitaw il-kundizzjonijiet ta' kofinanzjament għal dawn il-prijoritajiet immirati (ara l-emendi sussegwenti).

Emenda 19
Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-qafas legali għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni jipprevedi rieżami ta'	(3) Il-qafas legali għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni jipprevedi rieżami ta'

nofs it-terminu fl-2025, li joffri opportunità f'waqtha u unika biex il-programmi jiġu ffukati mill-ġdid fuq l-indirizzar ta' sfidi u opportunitajiet ġodda, biex titħaffef l-implimentazzjoni u biex tiżdied l-effettività tagħhom, sabiex jirrispondu kemm għall-prijoritajiet antiki kif ukoll għal dawk ġodda tal-Unjoni.	nofs it-terminu fl-2025, li joffri opportunità f'waqtha u unika biex il-programmi jiġu ffukati mill-ġdid fuq l-indirizzar ta' sfidi u opportunitajiet ġodda, biex titħaffef l-implimentazzjoni u biex tiżdied l-effettività tagħhom, sabiex jirrispondu kemm għall-prijoritajiet antiki kif ukoll għal dawk ġodda tal-Unjoni. ***Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni ma jridx iservi bħala pjan ta' azzjoni għal orjentazzjoni mill-ġdid fundamentali tal-objettivi politiċi tagħha jew ristrutturar tal-qafas ta' governanza tagħha. L-objettivi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali huma minquxa fit-Trattati u ma jridux jiġu spostati jew ikkunsidrati mill-ġdid favur prijoritajiet politiċi li għadhom kif ġew introdotti. Iż-żieda kontinwa ta' objettivi ġodda għandha t-tendenza li tnaqqas l-effettività u l-koerenza tal-politika ta' koeżjoni. Għalhekk huwa essenzjali li, anke meta jiġu indirizzati l-isfidi strateġiċi emerġenti, l-effetti distributtivi reġjonali jibqgħu fil-qalba tal-politika ta' koeżjoni, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-prinċipji fundamentali tagħha, b'mod partikolari l-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali.***

Or. en

Emenda 20
Marcos Ros Sempere, Dragoş Benea, Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Andi Cristea, Rosa Serrano Sierra, Klára Dobrev, Sakis Arnaoutoglou, Raffaele Topo

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-qafas legali għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni jipprevedi rieżami ta' nofs it-terminu fl-2025, li joffri opportunità f'waqtha u unika biex il-programmi jiġu ffukati mill-ġdid fuq l-indirizzar ta' sfidi ***u*** opportunitajiet ġodda, biex titħaffef l-implimentazzjoni u biex tiżdied l-effettività	(3) Il-qafas legali għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni jipprevedi rieżami ta' nofs it-terminu fl-2025, li joffri opportunità f'waqtha u unika biex il-programmi jiġu ffukati mill-ġdid fuq l-indirizzar ta' sfidi***, li - jekk indirizzati b'mod xieraq- jistgħu joħolqu*** opportunitajiet ġodda, ***kif ukoll***

tagħhom, sabiex jirrispondu kemm għall-prijoritajiet antiki kif ukoll għal dawk ġodda tal-Unjoni.

biex titħaffef l-implimentazzjoni u biex tiżdied l-effettività tagħhom, sabiex jirrispondu kemm għall-prijoritajiet antiki kif ukoll għal dawk ġodda tal-Unjoni. ***Madankollu, il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" jenħtieġ li japplika għall-prijoritajiet il-ġodda li jiċċaraw l-applikazzjoni tiegħu, filwaqt li huwa meħtieġ li titwettaq u tiġi żgurata valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri l-ġodda dwar il-politika ta' koeżjoni fil-futur.***

Or. en

Emenda 21
Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-qafas legali għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni jipprevedi rieżami ta' nofs it-terminu fl-2025, li joffri opportunità f'waqtha u unika biex il-programmi jiġu ffukati mill-ġdid fuq l-indirizzar ta' sfidi u opportunitajiet ġodda, biex titħaffef l-implimentazzjoni u biex tiżdied l-effettività tagħhom, sabiex jirrispondu kemm għall-prijoritajiet antiki kif ukoll għal dawk ġodda tal-Unjoni.	(3) Il-qafas legali għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni jipprevedi rieżami ta' nofs it-terminu fl-2025, li joffri opportunità f'waqtha u unika biex il-programmi jiġu ffukati mill-ġdid fuq l-indirizzar ta' sfidi u opportunitajiet ġodda, biex titħaffef l-implimentazzjoni u biex tiżdied l-effettività tagħhom, sabiex jirrispondu kemm għall-prijoritajiet antiki kif ukoll għal dawk ġodda tal-Unjoni. ***Ir-rieżami ta' nofs it-terminu għandu jservi biex isaħħaħ l-objettivi ewlenin tal-politika ta' koeżjoni kif definit fl-Artikolu 174 tat-TFUE u ma għandux iwassal għal devjazzjoni tar-riżorsi lejn setturi mhux relatati mal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.***

Or. en

Emenda 22
Sabrina Repp, Hannes Heide, Matthias Ecke, Klára Dobrev, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-qafas legali għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni jipprevedi rieżami ta' nofs it-terminu fl-2025, li joffri opportunità f'waqtha u unika biex ***il-programmi jiġu ffukati mill-ġdid fuq l-indirizzar ta' sfidi*** u ***opportunitajiet ġodda,*** biex titħaffef l-implimentazzjoni ***u biex tiżdied l-effettività tagħhom, sabiex jirrispondu kemm għall-prijoritajiet antiki kif ukoll għal dawk ġodda tal-Unjoni***.	(3) Il-qafas legali għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni jipprevedi rieżami ta' nofs it-terminu fl-2025, li joffri opportunità f'waqtha u unika biex ***tittejjeb l-effettività tal-politika ta' koeżjoni, jiġu indirizzati l-isfidi*** u biex titħaffef l-implimentazzjoni ***sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu stabbiliti fl-Artikolu 174 TFUE***.

Or. en

Emenda 23
Marcos Ros Sempere, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Kwalunkwe emenda tal-programm jew trasferiment ta' ammonti li jitwettqu jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-miżuri adottata skont ir-Regolament (UE) 2020/2092, u għall-konformità mill-programmi rilevanti mal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/1060. L-ammonti li huma sospiżi skont ir-Regolament (UE) 2020/2092 jew miżmuma abbażi ta' kundizzjonijiet abilitanti orizzontali skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal programmi jew trasferimenti emendati.

Or. en

Emenda 24

Dan-Ştefan Motreanu, Daniel Buda, Gheorghe Falcă

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Sabiex jiġi żgurat li l-politika ta' koeżjoni tibqa' ffukata fuq l-objettiv ewlieni tagħha li tnaqqas id-disparitajiet fl-iżvilupp reġjonali, ir-riallokazzjonijiet u l-prijoritajiet introdotti ġodda kollha jridu jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Or. en

Emenda 25
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***Il-Kummissjoni ppreżentat*** fil-Boxxla għall-Kompetittività, il-Patt għal Industrija Nadifa u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli, triq konkreta biex l-Ewropa ***terġa' tikseb il-kompetittività*** tagħha u tiżgura l-prosperità sostenibbli. Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni diġà jappoġġaw investimenti ***għall-objettivi klimatiċi*** kif stipulat ***fir-Regolament*** (UE) 2021/1060. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jżidu ***l-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw li d-dekarbonizzazzjoni tkun fattur ewlieni għat-tkabbir tal-industriji Ewropej u l-prosperità tal-Ewropej billi, fost l-oħrajn, iżidu l-appoġġ għat-teknoloġija nadifa u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, jinvestu*** fi proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija li jistgħu jiżguraw Unjoni tal-Enerġija reali	(4) Fil-Boxxla għall-Kompetittività, il-Patt għal Industrija Nadifa**,** u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli, ***il-Kummissjoni tiddeskrivi*** triq konkreta biex l-Ewropa ***terġa' tistabbilixxi l-kompetittività*** tagħha u tiżgura l-prosperità sostenibbli. ***It-tliet inizjattivi kollha jissottolinjaw il-ħtieġa li tiġi estiża l-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-enerġija — mhux biss biex jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija u tiġi pprovduta l-kapaċità meħtieġa għal żieda mistennija ta' 60 % fil-konsum tal-elettriku sal-2030[1b], u biex tinħataf opportunità doppja strateġika, peress li s-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili importati b'enerġija rinnovabbli prodotta domestikament tavvanza simultanjament is-sovranità tal-enerġija tal-Unjoni u l-***

kif ukoll jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti.

ambizzjonijiet klimatiċi tagħha. Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni diġà jappoġġaw investimenti ***fit-TEN-T*** kif stipulat ***fl-Artikolu 6 tar-Regolament*** (UE) 2021/1060. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jżidu ***l-investimenti*** fi proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija li jistgħu jiżguraw Unjoni tal-Enerġija reali.

[1b] Brussell, 28.11.2023 COM(2023) 757 final, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Grilji, il-konnessjoni nieqsa - Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilji

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li t-test tal-Kummissjoni jiddeskrivi l-objettivi maħsuba, dan jonqos milli jipprovdi qafas konkret għall-implimentazzjoni tagħhom. L-emendi proposti jissottolinjaw il-ħtieġa ta' investiment immirat fl-infrastruttura tal-elettriku bħala prerekwiżit għat-tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija, u jallinjaw l-objettivi tal-indipendenza enerġetika u t-tnaqqis tal-emissjonijiet bħala prijoritajiet ta' politika komplementari u ta' tisħiħ reċiproku.

Emenda 26
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Gheorghe Falcă

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-Kummissjoni ppreżentat fil-Boxxla għall-Kompetittività, il-Patt għal Industrija Nadifa u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli, triq konkreta biex l-Ewropa terġa' tikseb il-kompetittività tagħha u tiżgura l-prosperità sostenibbli. Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni diġà jappoġġaw investimenti għall-objettivi klimatiċi kif stipulat fir-Regolament (UE) 2021/1060. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw li d-dekarbonizzazzjoni tkun fattur ewlieni għat-tkabbir tal-industriji Ewropej u l-prosperità tal-Ewropej billi,	(4) Il-Kummissjoni ppreżentat fil-Boxxla għall-Kompetittività, il-Patt għal Industrija Nadifa u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli, triq konkreta biex l-Ewropa terġa' tikseb il-kompetittività tagħha u tiżgura l-prosperità sostenibbli. Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni diġà jappoġġaw investimenti għall-objettivi klimatiċi kif stipulat fir-Regolament (UE) 2021/1060. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw li d-dekarbonizzazzjoni tkun fattur ewlieni għat-tkabbir ***u mhux għat-tnaqqis*** tal-industriji Ewropej u l-prosperità

fost l-oħrajn, iżidu l-appoġġ għat-teknoloġija nadifa u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, jinvestu fi proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija li jistgħu jiżguraw Unjoni tal-Enerġija reali kif ukoll jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti.	tal-Ewropej billi, fost l-oħrajn, iżidu l-appoġġ għat-teknoloġija nadifa u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, jinvestu fi proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija li jistgħu jiżguraw Unjoni tal-Enerġija reali kif ukoll jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti.
	Or. ro

Emenda 27
Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-Kummissjoni ppreżentat fil-Boxxla għall-Kompetittività, il-Patt għal Industrija Nadifa u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli***, triq konkreta biex l-Ewropa terġa' tikseb*** il-kompetittività ***tagħha*** u tiżgura l-prosperità sostenibbli. Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni diġà jappoġġaw investimenti għall-objettivi klimatiċi kif stipulat fir-Regolament (UE) 2021/1060. ***Madankollu,*** l-Istati Membri ***jenħtieġ li jżidu*** l-isforzi tagħhom ***sabiex jiżguraw li d-dekarbonizzazzjoni tkun fattur ewlieni għat-tkabbir tal-industriji Ewropej u l-prosperità tal-Ewropej billi, fost l-oħrajn, iżidu l-appoġġ għat-teknoloġija nadifa u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, jinvestu fi proġetti*** tal-infrastruttura tal-enerġija ***li jistgħu jiżguraw Unjoni*** tal-Enerġija ***reali kif ukoll jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni*** tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti.	(4) Il-Kummissjoni ppreżentat fil-Boxxla għall-Kompetittività, il-Patt għal Industrija Nadifa u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli ***ċerti proposti maħsuba biex issaħħaħ*** il-kompetittività ***tal-Ewropa*** u tiżgura l-prosperità sostenibbli. Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni diġà jappoġġaw investimenti għall-objettivi klimatiċi kif stipulat fir-Regolament (UE) 2021/1060. ***F'dan il-kuntest*** l-Istati Membri ***jistgħu jagħżlu li jsaħħu*** l-isforzi tagħhom ***f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali u l-istrateġiji ekonomiċi tagħhom sabiex jappoġġaw l-innovazzjoni teknoloġika, il-modernizzazzjoni*** tal-infrastruttura tal-enerġija ***li tiżgura sorsi*** tal-enerġija ***siguri, affordabbli u diversi, u d-dekarbonizzazzjoni volontarja*** tal-proċessi tal-produzzjoni u tal-prodotti ***fejn din tikkontribwixxi għall-kompetittività, it-tmexxija industrijali, u s-sigurtà tal-enerġija***.
	Or. en

Emenda 28
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu, Gheorghe Falcă

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Filwaqt li titqies il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea u titnaqqas id-dipendenza fuq sorsi esterni tal-enerġija, huwa meħtieġ li jiġu kkunsidrati mill-ġdid ir-restrizzjonijiet attwali fir-regolamenti li jirregolaw il-fondi Ewropej fir-rigward tal-finanzjament tal-investimenti fl-enerġija nukleari. Fil-kuntest ta' tranżizzjoni bbilanċjata tal-enerġija u approċċ prammatiku għat-taħlita nazzjonali tal-enerġija, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-investimenti fl-infrastruttura nukleari ċivili, inkluż għall-kostruzzjoni, għall-espansjoni jew għall-modernizzazzjoni ta' reattur nukleari u installazzjonijiet assoċjati. Tali bidla tikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, għall-istabbiltà tal-grilji tal-enerġija reġjonali u għall-iżvilupp industrijali f'reġjuni fejn jinsabu kapaċitajiet nukleari strateġiċi.

Or. ro

Emenda 29
Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fid-dawl tal-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u l-ħtieġa li l-Unjoni tiggarantixxi d-difiża tagħha stess, il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jiġi mobilizzat malajr biex jappoġġa direttament l-investimenti fil-	***imħassar***

kapaċitajiet tad-difiża. Għalhekk, jeħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] biex jiġu ffinanzjati l-kapaċitajiet industrijali fis-settur tad-difiża u biex ikunu jistgħu jsiru investimenti f'infrastruttura reżiljenti tad-difiża jew b'użu doppju bil-ħsieb li titrawwem il-mobbiltà militari, f'konformità mal-ambitu ta' dawk il-fondi. Il-kapaċitajiet industrijali li jitrawmu l-kapaċitajiet tad-difiża jenħtieġ li jkunu relatati mal-iżvilupp teknoloġiku u l-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża u prodotti oħra għal finijiet ta' difiża, kif definit fl-Artikolu 2 [tal-abbozz] tar-Regolament tal-Kunsill [xxxx] li jistabbilixxi l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe) permezz tal-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-possibbiltà prevista fil-qafas legali attwali ta' trasferiment volontarju tar-riżorsi allokati lilhom f'ġestjoni kondiviża għal programmi ġestiti direttament b'objettivi ta' difiża u sigurtà. F'dan il-kuntest, it-trasferimenti lejn il-pakkett tal-mobbiltà militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) jiżguraw interventi kkoordinati tul il-kurituri tal-mobbiltà militari enfasizzati fil-White Paper dwar id-Difiża.

---

[3] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.

Or. en

Emenda 30
Valentina Palmisano, Giuseppe Antoci
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fid-dawl tal-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u l-ħtieġa li l-Unjoni tiggarantixxi d-difiża tagħha stess, il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jiġi mobilizzat malajr biex jappoġġa direttament l-investimenti fil-kapaċitajiet tad-difiża. Għalhekk, jeħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] biex jiġu ffinanzjati l-kapaċitajiet industrijali fis-settur tad-difiża u biex ikunu jistgħu jsiru investimenti f'infrastruttura reżiljenti tad-difiża jew b'użu doppju bil-ħsieb li titrawwem il-mobbiltà militari, f'konformità mal-ambitu ta' dawk il-fondi. Il-kapaċitajiet industrijali li jitrawmu l-kapaċitajiet tad-difiża jenħtieġ li jkunu relatati mal-iżvilupp teknoloġiku u l-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża u prodotti oħra għal finijiet ta' difiża, kif definit fl-Artikolu 2 [tal-abbozz] tar-Regolament tal-Kunsill [xxxx] li jistabbilixxi l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe) permezz tal-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-possibbiltà prevista fil-qafas legali attwali ta' trasferiment volontarju tar-riżorsi allokati lilhom f'ġestjoni kondiviża għal programmi ġestiti direttament b'objettivi ta' difiża u sigurtà. F'dan il-kuntest, it-trasferimenti lejn il-pakkett tal-mobbiltà militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) jiżguraw interventi kkoordinati tul il-kurituri tal-mobbiltà militari enfasizzati fil-White Paper dwar id-Difiża.	***imħassar***

[3] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.

Or. en

Emenda 31
Mimmo Lucano, Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fid-dawl tal-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u l-ħtieġa li l-Unjoni tiggarantixxi d-difiża tagħha stess, il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jiġi mobilizzat malajr biex jappoġġa direttament l-investimenti fil-kapaċitajiet tad-difiża. Għalhekk, jeħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] biex jiġu ffinanzjati l-kapaċitajiet industrijali fis-settur tad-difiża u biex ikunu jistgħu jsiru investimenti f'infrastruttura reżiljenti tad-difiża jew b'użu doppju bil-ħsieb li titrawwem il-mobbiltà militari, f'konformità mal-ambitu ta' dawk il-fondi. Il-kapaċitajiet industrijali li jitrawmu l-kapaċitajiet tad-difiża jenħtieġ li jkunu relatati mal-iżvilupp teknoloġiku u l-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża u prodotti oħra għal finijiet ta' difiża, kif definit fl-Artikolu 2 [tal-abbozz] tar-Regolament tal-Kunsill [xxxx] li jistabbilixxi l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe) permezz tal-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-	***imħassar***

possibbiltà prevista fil-qafas legali attwali ta' trasferiment volontarju tar-riżorsi allokati lilhom f'ġestjoni kondiviża għal programmi ġestiti direttament b'objettivi ta' difiża u sigurtà. F'dan il-kuntest, it-trasferimenti lejn il-pakkett tal-mobbiltà militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) jiżguraw interventi kkoordinati tul il-kurituri tal-mobbiltà militari enfasizzati fil-White Paper dwar id-Difiża.

---

[3] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.

Or. en

Emenda 32
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropa

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fid-dawl tal-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u l-ħtieġa li l-Unjoni tiggarantixxi d-difiża tagħha stess, ***il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jiġi mobilizzat malajr biex jappoġġa direttament l-investimenti fil-kapaċitajiet tad-difiża. Għalhekk,*** jeħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[3] biex jiġu ffinanzjati l-kapaċitajiet industrijali fis-settur tad-difiża u*** biex ikunu jistgħu jsiru investimenti f'infrastruttura reżiljenti ***tad-difiża jew*** b'użu doppju bil-ħsieb li titrawwem il-mobbiltà militari, f'konformità mal-ambitu ta' dawk il-fondi. ***Il-kapaċitajiet industrijali li jitrawmu l-kapaċitajiet tad-difiża jenħtieġ li jkunu relatati mal-iżvilupp teknoloġiku u l-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża u***	(5) Fid-dawl tal-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u l-ħtieġa li l-Unjoni tiggarantixxi d-difiża tagħha stess, jeħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1]*** biex ikunu jistgħu jsiru investimenti f'infrastruttura reżiljenti b'użu doppju bil-ħsieb li titrawwem il-mobbiltà militari, f'konformità mal-ambitu ta' dawk il-fondi.

prodotti oħra għal finijiet ta' difiża, kif definit fl-Artikolu 2 [tal-abbozz] tar-Regolament tal-Kunsill [xxxx] li jistabbilixxi l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe) permezz tal-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-possibbiltà prevista fil-qafas legali attwali ta' trasferiment volontarju tar-riżorsi allokati lilhom f'ġestjoni kondiviża għal programmi ġestiti direttament b'objettivi ta' difiża u sigurtà. F'dan il-kuntest, it-trasferimenti lejn il-pakkett tal-mobbiltà militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) jiżguraw interventi kkoordinati tul il-kurituri tal-mobbiltà militari enfasizzati fil-White Paper dwar id-Difiża.

---

[3] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60.

Or. en

Emenda 33
André Rougé, Rody Tolassy, Marie-Luce Brasier-Clain, Irmhild Boßdorf

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fid-dawl tal-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u l-ħtieġa li l-Unjoni tiggarantixxi d-difiża tagħha stess, il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jiġi mobilizzat malajr biex jappoġġa direttament l-investimenti fil-kapaċitajiet tad-difiża. Għalhekk, jeħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġu ffinanzjati l-kapaċitajiet industrijali	(5) Fid-dawl tal-instabbiltà ġeopolitika bla preċedent u l-ħtieġa li l-Unjoni tiggarantixxi d-difiża tagħha stess, il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jenħtieġ li jiġi mobilizzat malajr biex jappoġġa direttament l-investimenti fil-kapaċitajiet tad-difiża. Għalhekk, jeħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] biex jiġu ffinanzjati l-kapaċitajiet industrijali

fis-settur tad-difiża u biex ikunu jistgħu jsiru investimenti f'infrastruttura reżiljenti tad-difiża jew b'użu doppju bil-ħsieb li titrawwem il-mobbiltà militari, f'konformità mal-ambitu ta' dawk il-fondi. Il-kapaċitajiet industrijali li jitrawmu l-kapaċitajiet tad-difiża jenħtieġ li jkunu relatati mal-iżvilupp teknoloġiku u l-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża u prodotti oħra għal finijiet ta' difiża, kif definit fl-Artikolu 2 [tal-abbozz] tar-Regolament tal-Kunsill [xxxx] li jistabbilixxi l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe) permezz tal-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-possibbiltà prevista fil-qafas legali attwali ta' trasferiment volontarju tar-riżorsi allokati lilhom f'ġestjoni kondiviża għal programmi ġestiti direttament b'objettivi ta' difiża u sigurtà. F'dan il-kuntest, it-trasferimenti lejn il-pakkett tal-mobbiltà militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) jiżguraw interventi kkoordinati tul il-kurituri tal-mobbiltà militari enfasizzati fil-White Paper dwar id-Difiża.

fis-settur tad-difiża u biex ikunu jistgħu jsiru investimenti f'infrastruttura reżiljenti tad-difiża jew b'użu doppju bil-ħsieb li titrawwem il-mobbiltà militari, f'konformità mal-ambitu ta' dawk il-fondi. ***L-investimenti fl-infrastrutturi ta' difiża jew ta' użu doppju jridu jsiru b'mod li jibbenefikaw lill-fornituri u lill-manifatturi Ewropej. Is-sejħiet għall-offerti relatati għandhom jinkludu klawżoli ta' preferenza Ewropea, b'mod partikolari dwar l-oriġini tal-komponenti strateġiċi u tal-kontroll tal-kumpaniji rebbieħa.*** Il-kapaċitajiet industrijali li jitrawmu l-kapaċitajiet tad-difiża jenħtieġ li jkunu relatati mal-iżvilupp teknoloġiku u l-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża u prodotti oħra għal finijiet ta' difiża, kif definit fl-Artikolu 2 [tal-abbozz] tar-Regolament tal-Kunsill [xxxx] li jistabbilixxi l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE, Security Action for Europe) permezz tal-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament. ***Sabiex jiġi żgurat li l-fondi Ewropej fl-industrija tad-difiża jsaħħu esklużivament il-kapaċitajiet industrijali tal-impriżi Ewropej, il-benefiċjarji kkontrollati minn maġġoranza mill-impriżi minn wieħed jew aktar mill-Istati Membri biss jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament. L-impriżi bi sjieda minn maġġoranza ta' pajjiżi terzi huma esklużi***. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-possibbiltà prevista fil-qafas legali attwali ta' trasferiment volontarju tar-riżorsi allokati lilhom f'ġestjoni kondiviża għal programmi ġestiti direttament b'objettivi ta' difiża u sigurtà. F'dan il-kuntest, it-trasferimenti lejn il-pakkett tal-mobbiltà militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) jiżguraw interventi kkoordinati tul il-kurituri tal-mobbiltà militari enfasizzati fil-White Paper dwar id-Difiża.

[3] ĠU L 231 30.6.2021, p. 60.

[3] ĠU L 231 30.6.2021, p. 60.

Or. fr

Emenda 34
Sabrina Repp, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
tal-Fjuwils Alternattivi jenħtieġ li jiġu kkomplementati bil-ħolqien ta' objettiv speċifiku ġdid għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-objettiv ta' politika 2 biex jiġu promossi l-interkonnetturi tal-enerġija***, b'attenzjoni speċjali għall-Peniżola Iberika,*** u l-infrastruttura tat-trażmissjoni relatata, u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar. Sabiex jiġu aċċellerati l-investimenti f'dawn l-oqsma, il-prijoritajiet iddedikati għal dan l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati taħt dawk il-prijoritajiet u mill-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 %. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandu jkollhom l-għan li jisfruttaw ammont massimu ta' finanzjament privat, fejn rilevanti. Dan l-isforz imsaħħaħ ta' investiment se jippermetti lis-setturi intensivi fl-enerġija jaċċessaw sorsi tal-enerġija aktar stabbli u diversi f'suq intern tal-enerġija inqas frammentat, li jappoġġa s-sostenibbiltà u l-kompetittività tagħhom. Barra minn hekk, l-espansjoni tal-appoġġ tal-FEŻR għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tippermetti lill-industriji intensivi fl-enerġija jagħtu prijorità lill-innovazzjonijiet b'impatt għoli allinjati mal-objettivi klimatiċi tal-UE.

Or. en

Emenda 79
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, titħaffef ***it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-mobbiltà nadifa, l-investimenti taħt STEP u l-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi***	(8) Sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, titħaffef ***l-integrazzjoni tan-networks tal-elettriku tal-Istati Membri*** jenħtieġ li jiġu kkomplementati bil-ħolqien ta' objettiv speċifiku ġdid għall-FEŻR u l-

jenħtieġ li jiġu kkomplementati bil-ħolqien ta' objettiv speċifiku ġdid għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-objettiv ta' politika 2 biex jiġu promossi ***l-interkonnetturi tal-enerġija u l-infrastruttura tat-trażmissjoni relatata, u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar***. Sabiex jiġu aċċellerati l-investimenti f'dawn l-oqsma, il-prijoritajiet iddedikati għal dan l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati taħt dawk il-prijoritajiet u mill-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 %. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandu jkollhom l-għan li jisfruttaw ammont massimu ta' finanzjament privat, fejn rilevanti. Dan l-isforz imsaħħaħ ta' investiment se jippermetti lis-setturi intensivi fl-enerġija jaċċessaw sorsi tal-enerġija aktar stabbli u diversi f'suq intern tal-enerġija inqas frammentat, li jappoġġa s-sostenibbiltà u l-kompetittività tagħhom. ***Barra minn hekk, l-espansjoni tal-appoġġ tal-FEŻR għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tippermetti lill-industriji intensivi fl-enerġija jagħtu prijorità lill-innovazzjonijiet b'impatt għoli allinjati mal-objettivi klimatiċi tal-UE.***

Fond ta' Koeżjoni taħt l-objettiv ta' politika 2 biex jiġu promossi ***n-networks tal-elettriku transfruntiera***. Sabiex jiġu aċċellerati l-investimenti f'dawn l-oqsma, il-prijoritajiet iddedikati għal dan l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati taħt dawk il-prijoritajiet u mill-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 %. ***Talbiet eliġibbli minn Stati Membri b'rata tal-erruri residwi tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni inqas mill-medja se jiġu mogħtija b'mod awtomatiku.*** L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandu jkollhom l-għan li jisfruttaw ammont massimu ta' finanzjament privat, fejn rilevanti. ***Sabiex jiġi żgurat li dawn il-fondi jintefqu b'mod effettiv, huwa essenzjali li l-infiq jiġi kkoordinat fil-livell Ewropew bl-istabbiliment ta' Operatur Indipendenti tas-Sistema Ewropew (EU ISO).***[1a] Dan l-isforz imsaħħaħ ta' investiment se jippermetti lis-setturi intensivi fl-enerġija jaċċessaw sorsi tal-enerġija aktar stabbli u diversi f'suq intern tal-enerġija inqas frammentat, li jappoġġa s-sostenibbiltà u l-kompetittività tagħhom.

[1a] Heussaff, C., & Zachmann, G. (12 ta' Frar 2025). Upgrading Europe's electricity grid is about more than just money: Interconnection is vital for European energy security, decarbonisation and cost reduction. Bruegel.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tippromwovi investimenti mmirati fl-infrastruttura relatata mal-mobbiltà. Rata ta' kofinanzjament ta' 100 % hija ġġustifikata abbażi tal-interess komuni Ewropew u l-grad għoli ta' koordinazzjoni meħtieġ biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-fondi permezz tal-istabbiliment ta' Operatur Indipendenti tas-Sistema Ewropew (EU ISO). Dan huwa partikolarment rilevanti għal ħafna Stati Membri benefiċjarji tal-Fond ta' Koeżjoni fl-

Ewropa tal-Lvant Ċentrali, biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

Emenda 80
Rody Tolassy, André Rougé, Julien Leonardelli, Marie-Luce Brasier-Clain, Denis Nesci

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-mobbiltà nadifa, l-investimenti taħt STEP u l-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi jenħtieġ li jiġu kkomplementati bil-ħolqien ta' objettiv speċifiku ġdid għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-objettiv ta' politika 2 biex jiġu promossi l-interkonnetturi tal-enerġija u l-infrastruttura tat-trażmissjoni relatata, u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar. Sabiex jiġu aċċellerati l-investimenti f'dawn l-oqsma, il-prijoritajiet iddedikati għal dan l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati taħt dawk il-prijoritajiet u mill-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 %. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandu jkollhom l-għan li jisfruttaw ammont massimu ta' finanzjament privat, fejn rilevanti. Dan l-isforz imsaħħaħ ta' investiment se jippermetti lis-setturi intensivi fl-enerġija jaċċessaw sorsi tal-enerġija aktar stabbli u diversi f'suq intern tal-enerġija inqas frammentat, li jappoġġa s-sostenibbiltà u l-kompetittività tagħhom. Barra minn hekk, l-espansjoni tal-appoġġ tal-FEŻR għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tippermetti lill-industriji intensivi fl-enerġija jagħtu prijorità lill-innovazzjonijiet b'impatt għoli allinjati mal-objettivi klimatiċi tal-UE.	(8) Sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-mobbiltà nadifa, l-investimenti taħt STEP u l-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi jenħtieġ li jiġu kkomplementati bil-ħolqien ta' objettiv speċifiku ġdid għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-objettiv ta' politika 2 biex jiġu promossi l-interkonnetturi tal-enerġija u l-infrastruttura tat-trażmissjoni relatata, u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar. Sabiex jiġu aċċellerati l-investimenti f'dawn l-oqsma, il-prijoritajiet iddedikati għal dan l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % ***u 50 % għar-reġjuni ultraperiferiċi*** tal-ammonti pprogrammati taħt dawk il-prijoritajiet u mill-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 %. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandu jkollhom l-għan li jisfruttaw ammont massimu ta' finanzjament privat, fejn rilevanti. Dan l-isforz imsaħħaħ ta' investiment se jippermetti lis-setturi intensivi fl-enerġija jaċċessaw sorsi tal-enerġija aktar stabbli u diversi f'suq intern tal-enerġija inqas frammentat, li jappoġġa s-sostenibbiltà u l-kompetittività tagħhom. Barra minn hekk, l-espansjoni tal-appoġġ tal-FEŻR għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tippermetti lill-industriji intensivi fl-enerġija jagħtu prijorità lill-innovazzjonijiet b'impatt għoli allinjati mal-objettivi klimatiċi tal-UE.

Or. fr

Emenda 81
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-mobbiltà nadifa, l-investimenti taħt STEP u l-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi jenħtieġ li jiġu kkomplementati bil-ħolqien ta' objettiv speċifiku ġdid għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-objettiv ta' politika 2 biex jiġu promossi l-interkonnetturi tal-enerġija u l-infrastruttura tat-trażmissjoni relatata, u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar. Sabiex jiġu aċċellerati l-investimenti f'dawn l-oqsma, il-prijoritajiet iddedikati għal dan l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' ***30 %*** tal-ammonti pprogrammati taħt dawk il-prijoritajiet u mill-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 %. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandu jkollhom l-għan li jisfruttaw ammont massimu ta' finanzjament privat, fejn rilevanti. Dan l-isforz imsaħħaħ ta' investiment se jippermetti lis-setturi intensivi fl-enerġija jaċċessaw sorsi tal-enerġija aktar stabbli u diversi f'suq intern tal-enerġija inqas frammentat, li jappoġġa s-sostenibbiltà u l-kompetittività tagħhom. Barra minn hekk, l-espansjoni tal-appoġġ tal-FEŻR għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tippermetti lill-industriji intensivi fl-enerġija jagħtu prijorità lill-innovazzjonijiet b'impatt għoli allinjati mal-objettivi klimatiċi tal-UE.	(8) Sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-mobbiltà nadifa, l-investimenti taħt STEP u l-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi jenħtieġ li jiġu kkomplementati bil-ħolqien ta' objettiv speċifiku ġdid għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-objettiv ta' politika 2 biex jiġu promossi l-interkonnetturi tal-enerġija u l-infrastruttura tat-trażmissjoni relatata, u l-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar. Sabiex jiġu aċċellerati l-investimenti f'dawn l-oqsma, il-prijoritajiet iddedikati għal dan l-objettiv speċifiku jenħtieġ li jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' ***35 %*** tal-ammonti pprogrammati taħt dawk il-prijoritajiet u mill-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 %. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandu jkollhom l-għan li jisfruttaw ammont massimu ta' finanzjament privat, fejn rilevanti. Dan l-isforz imsaħħaħ ta' investiment se jippermetti lis-setturi intensivi fl-enerġija jaċċessaw sorsi tal-enerġija aktar stabbli u diversi f'suq intern tal-enerġija inqas frammentat, li jappoġġa s-sostenibbiltà u l-kompetittività tagħhom. Barra minn hekk, l-espansjoni tal-appoġġ tal-FEŻR għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tippermetti lill-industriji intensivi fl-enerġija jagħtu prijorità lill-innovazzjonijiet b'impatt għoli allinjati mal-objettivi klimatiċi tal-UE.

Or. en

Emenda 82

Andrey Novakov

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Sabiex jiġu żgurati r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-UE u l-kompetittività tar-reġjuni fi tranżizzjoni, l-infrastruttura tal-ħżin tal-elettriku fit-tul, bħall-ħażna tal-enerġija idroelettrika ppumpjata, jenħtieġ li tkun eliġibbli għall-appoġġ taħt il-politika ta' koeżjoni. Dawn l-investimenti jippermettu l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inaqqsu t-tnaqqis tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES), u jiżguraw l-istabbiltà tal-grilja, speċjalment fir-reġjuni li jeliminaw gradwalment il-ġenerazzjoni bbażata fuq il-fjuwils fossili.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda proposta għandha l-għan li tallinja l-istrumenti ta' finanzjament tal-Politika ta' Koeżjoni mal-prijoritajiet strateġiċi tat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea, speċifikament il-varar ta' infrastruttura tal-ħżin tal-elettriku fit-tul, bħall-ħażna tal-enerġija idroelettrika ppumpjata (PSH). Għalhekk, il-bidla proposta hija: Legalment soda, filwaqt li tibni fuq il-klawżoli u d-definizzjonijiet eżistenti ta' eliġibbiltà; Politikament koerenti, allinjat ma' għodod ġodda ta' finanzjament u tikkettar tal-UE; Prattikament meħtieġa, biex jiġi sfruttat il-finanzjament għal proġetti strateġiċi tal-PSH lesti biex jiġu implimentati matul it-tieqa ta' riprogrammazzjoni.

Emenda 83
Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Il-politika ta' koeżjoni trid tappoġġa s-sigurtà tal-enerġija, l-affordabbiltà, u l-aċċessibbiltà għar-reġjuni u ċ-ċittadini kollha, filwaqt li tirrikonoxxi d-dritt tal-Istati Membri li

jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom, inkluż l-użu ta' sorsi tal-enerġija konvenzjonali domestiċi.

Or. en

Emenda 84
Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, mportant Projects of Common European Interest) jirriżultaw minn strument ta' għajnuna mill-Istat li jirrikjedi kooperazzjoni trans-Ewropea għal teknoloġiji innovattivi jew infrastrutturi pan-Ewropej. ***L-IPCEI huma proġetti li*** jappoġġaw ***u jippromwovu proġetti transfruntiera fuq skala kbira li huma meqjusa essenzjali għat-tkabbir*** ekonomiku***, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni. Sabiex jgħin biex jitħaffef it-tfassil ta' IPCEI ġodda u l-implimentazzjoni ta' dawk eżistenti***, ***l-appoġġ mill-FEŻR għal*** investimenti fi proġetti li jipparteċipaw f'IPCEI kif approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ***u l-Komunikazzjoni C(2021) 8481, jenħtieġ li jkun permess fil-kategoriji kollha ta'*** reġjuni***. Barra minn hekk,*** l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal IPCEI ***approvat mill-Kummissjoni jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċeduri*** tal-għażla ***simplifikati***.	(9) Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, mportant Projects of Common European Interest) jirriżultaw minn strument ta' għajnuna mill-Istat li jirrikjedi kooperazzjoni trans-Ewropea għal teknoloġiji innovattivi jew infrastrutturi pan-Ewropej. ***Sabiex*** jappoġġaw ***l-iżvilupp*** ekonomiku ***reġjolani u d-diversifikazzjoni industrijali***, ***il-FEŻR jista', f'każijiet debitament ġustifikati, jappoġġa*** investimenti fi proġetti li jipparteċipaw f'IPCEI kif approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***, dment li tali proġetti jikkontribwixxu b'mod dimostrabbli għall-iżvilupp soċjoekonomiku ta'*** reġjuni ***inqas żviluppati u fi tranżizzjoni u jkunu ġew approvati mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali rilevanti fil-qafas tal-programm tal-politika ta' koeżjoni.*** L-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal IPCEI ***għandhom ikunu soġġetti għall-proċeduri*** tal-għażla ***u r-rekwiżiti standard applikati għall-proġetti kollha tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiżguraw trattament ugwali, trasparenza, u allinjament mal-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali***. ***L-ebda eliġibbiltà awtomatika jew deroga ma għandha tingħata abbażi biss tal-istatus ta' IPCEI.***

Or. en

Emenda 85
André Rougé, Rody Tolassy, Marie-Luce Brasier-Clain, Irmhild Boßdorf

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, mportant Projects of Common European Interest) jirriżultaw minn strument ta' għajnuna mill-Istat li jirrikjedi kooperazzjoni trans-Ewropea għal teknoloġiji innovattivi jew infrastrutturi pan-Ewropej. L-IPCEI huma proġetti li jappoġġaw u jippromwovu proġetti transfruntiera fuq skala kbira li huma meqjusa essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni. Sabiex jgħin biex jitħaffef it-tfassil ta' IPCEI ġodda u l-implimentazzjoni ta' dawk eżistenti, l-appoġġ mill-FEŻR għal investimenti fi proġetti li jipparteċipaw f'IPCEI kif approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Komunikazzjoni C(2021) 8481, jenħtieġ li jkun permess fil-kategoriji kollha ta' reġjuni. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal IPCEI approvat mill-Kummissjoni jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċeduri tal-għażla simplifikati.	(9) Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, mportant Projects of Common European Interest) jirriżultaw minn strument ta' għajnuna mill-Istat li jirrikjedi kooperazzjoni trans-Ewropea għal teknoloġiji innovattivi jew infrastrutturi pan-Ewropej. L-IPCEI huma proġetti li jappoġġaw u jippromwovu proġetti transfruntiera fuq skala kbira li huma meqjusa essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni. Sabiex jgħin biex jitħaffef it-tfassil ta' IPCEI ġodda u l-implimentazzjoni ta' dawk eżistenti, l-appoġġ mill-FEŻR għal investimenti fi proġetti li jipparteċipaw f'IPCEI kif approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Komunikazzjoni C(2021) 8481, jenħtieġ li jkun permess fil-kategoriji kollha ta' reġjuni. ***L-appoġġ tal-FEŻR għall-IPCEI huwa riżervat għall-impriżi li l-kapital tagħhom huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu miżmum minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri.*** Barra minn hekk, l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal IPCEI approvat mill-Kummissjoni jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċeduri tal-għażla simplifikati.

Or. fr

Emenda 86
Dan Barna, Ľubica Karvašová, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, mportant Projects of Common European Interest) jirriżultaw minn strument ta' għajnuna mill-Istat li jirrikjedi kooperazzjoni trans-Ewropea għal teknoloġiji innovattivi jew infrastrutturi pan-Ewropej. L-IPCEI huma proġetti li jappoġġaw u jippromwovu proġetti transfruntiera fuq skala kbira li huma meqjusa essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni. Sabiex jgħin biex jitħaffef it-tfassil ta' IPCEI ġodda u l-implimentazzjoni ta' dawk eżistenti, l-appoġġ mill-FEŻR għal investimenti fi proġetti li jipparteċipaw f'IPCEI kif approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Komunikazzjoni C(2021) 8481, jenħtieġ li jkun permess fil-kategoriji kollha ta' reġjuni. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal IPCEI approvat mill-Kummissjoni jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċeduri tal-għażla simplifikati.	(9) Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, mportant Projects of Common European Interest) jirriżultaw minn strument ta' għajnuna mill-Istat li jirrikjedi kooperazzjoni trans-Ewropea għal teknoloġiji innovattivi jew infrastrutturi pan-Ewropej. L-IPCEI huma proġetti li jappoġġaw u jippromwovu proġetti transfruntiera fuq skala kbira li huma meqjusa essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni. Sabiex jgħin biex jitħaffef it-tfassil ta' IPCEI ġodda u l-implimentazzjoni ta' dawk eżistenti, l-appoġġ mill-FEŻR għal investimenti fi proġetti li jipparteċipaw f'IPCEI kif approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Komunikazzjoni C(2021) 8481, jenħtieġ li jkun permess fil-kategoriji kollha ta' reġjuni ***filwaqt li tingħata prijorità lir-reġjuni inqas żviluppati f'konformità mal-objettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tal-FEŻR u tal-Fondi ta' Koeżjoni***. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal IPCEI approvat mill-Kummissjoni jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċeduri tal-għażla simplifikati.

Or. en

Emenda 87
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Proġetti Importanti ta' Interess	(9) Proġetti Importanti ta' Interess

Ewropew Komuni (IPCEI, mportant Projects of Common European Interest) jirriżultaw minn strument ta' għajnuna mill-Istat li jirrikjedi kooperazzjoni trans-Ewropea għal teknoloġiji innovattivi jew infrastrutturi pan-Ewropej. L-IPCEI huma proġetti li jappoġġaw u jippromwovu proġetti transfruntiera fuq skala kbira li huma meqjusa essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni. Sabiex jgħin biex jitħaffef it-tfassil ta' IPCEI ġodda u l-implimentazzjoni ta' dawk eżistenti, l-appoġġ mill-FEŻR għal investimenti fi proġetti li jipparteċipaw f'IPCEI kif approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Komunikazzjoni C(2021) 8481, jenħtieġ li jkun permess fil-kategoriji kollha ta' reġjuni. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal IPCEI approvat mill-Kummissjoni jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċeduri tal-għażla simplifikati.	Ewropew Komuni (IPCEI, mportant Projects of Common European Interest) jirriżultaw minn strument ta' għajnuna mill-Istat li jirrikjedi kooperazzjoni trans-Ewropea għal teknoloġiji innovattivi jew infrastrutturi pan-Ewropej. L-IPCEI huma proġetti li jappoġġaw u jippromwovu proġetti transfruntiera fuq skala kbira li huma meqjusa essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni. Sabiex jgħin biex jitħaffef it-tfassil ta' IPCEI ġodda u l-implimentazzjoni ta' dawk eżistenti, l-appoġġ mill-FEŻR għal investimenti fi proġetti li jipparteċipaw f'IPCEI kif approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Komunikazzjoni C(2021) 8481, jenħtieġ li jkun permess fil-kategoriji kollha ta' reġjuni. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal IPCEI approvat mill-Kummissjoni ***u mill-Parlament Ewropew*** jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċeduri tal-għażla simplifikati.
	Or. en

Emenda 88
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, mportant Projects of Common European Interest) jirriżultaw minn strument ta' għajnuna mill-Istat li jirrikjedi ***kooperazzjoni trans-Ewropea għal teknoloġiji innovattivi jew*** infrastrutturi pan-Ewropej. L-IPCEI huma proġetti li jappoġġaw u jippromwovu proġetti transfruntiera fuq skala kbira li huma meqjusa essenzjali għat-tkabbir	(9) Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, mportant Projects of Common European Interest) jirriżultaw minn strument ta' għajnuna mill-Istat li jirrikjedi infrastrutturi pan-Ewropej. L-IPCEI huma proġetti li jappoġġaw u jippromwovu proġetti transfruntiera fuq skala kbira li huma meqjusa essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-

ekonomiku, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni. Sabiex jgħin biex jitħaffef it-tfassil ta' IPCEI ġodda u l-implimentazzjoni ta' dawk eżistenti, l-appoġġ mill-FEŻR għal investimenti fi proġetti li jipparteċipaw f'IPCEI kif approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Komunikazzjoni C(2021) 8481, jenħtieġ li jkun permess fil-kategoriji kollha ta' reġjuni. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal IPCEI approvat mill-Kummissjoni jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċeduri tal-għażla simplifikati.

kompetittività tal-Unjoni. Sabiex jgħin biex jitħaffef it-tfassil ta' IPCEI ġodda u l-implimentazzjoni ta' dawk eżistenti, l-appoġġ mill-FEŻR għal investimenti fi proġetti li jipparteċipaw f'IPCEI kif approvat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Komunikazzjoni C(2021) 8481, jenħtieġ li jkun permess fil-kategoriji kollha ta' reġjuni. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal IPCEI approvat mill-Kummissjoni ***u mill-Parlament Ewropew*** jenħtieġ li jibbenefikaw minn proċeduri tal-għażla simplifikati.

Or. en

Emenda 89
Dario Tamburrano, Valentina Palmisano

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Il-komunitajiet tal-enerġija għandhom potenzjal konsiderevoli biex jattiraw investiment privat fl-enerġija rinnovabbli. Dawn l-inizjattivi spiss jiġġeneraw effett multiplikatur qawwi u jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-iżvilupp lokali, inkluż billi jiżguraw prezzijiet tal-enerġija stabbli u affordabbli. Minkejja l-potenzjal tagħhom, il-komunitajiet tal-enerġija spiss jiffaċċjaw ostakli meta jippruvaw jaċċessaw finanzjament pubbliku u privat, inkluż l-aċċess għall-finanzjament skont il-Politika ta' Koeżjoni. Sabiex jippromwovu tranżizzjoni tal-enerġija inklużiva u ġusta, l-Istati Membri u l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jenħtieġ li jżidu l-appoġġ għal inizjattivi tal-enerġija mmexxija mill-komunità fil-qafas tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni, billi

jnaqqsu l-kumplessità fil-proċeduri ta' finanzjament, itaffu l-piż amministrattiv, u jagħtu spinta lid-disponibbiltà ta' servizzi ta' konsulenza teknika u finanzjarja għall-atturi lokali. Is-servizzi konsultattivi jenħtieġ li jkunu eliġibbli għal assistenza diretta biex joffru gwida u għarfien espert lill-komunitajiet tal-enerġija emerġenti. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jenħtieġ li jesploraw l-użu ta' strumenti finanzjarji, flimkien ma' għotjiet tradizzjonali, fi ħdan il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), u l-Fond ta' Koeżjoni, biex jgħinu jitnaqqsu l-lakuni fil-finanzjament privat għall-komunitajiet tal-enerġija. Il-ħolqien ta' konsulenza teknika u finanzjarja jkun partikolarment importanti peress li l-Istati Membri se jkollhom jimplimentaw l-Artikolu 15a tad-Direttiva 2024/1711 dwar il-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-enerġija sas-17 ta' Lulju 2026, u għalhekk huwa kruċjali li l-assistenza tkun disponibbli għaċ-ċittadini sabiex jiġu appoġġati dawn l-inizjattivi.

Or. en

Emenda 90
Marcos Ros Sempere, Dragoş Benea, Nora Mebarek, Sérgio Gonçalves, Andi Cristea, Rosa Serrano Sierra, Hannes Heide, Klára Dobrev, Sakis Arnaoutoglou, Raffaele Topo

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-	(10) L-akkomodazzjoni affordabbli ***u sostenibbli*** hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. ***Il-gruppi vulnerabbli u l-familji b'introjtu baxx u medju qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex jaċċessaw akkomodazzjoni deċenti u riskju dejjem***

rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. Tali prijoritajiet jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt ***l-inizjattiva*** tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell ***lokali u tal-belt***. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.

akbar li jispiċċaw mingħajr dar. F'dan ir-rigward, hija meħtieġa definizzjoni flessibbli ta' qafas komuni tal-UE ta' eliġibbiltà għall-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli bi kriterji trasparenti u nondiskriminatorji. Ifakkru li l-kunċett ta' akkomodazzjoni affordabbli huwa inkwadrat bħala "kontinwità tal-akkomodazzjoni", li jinkludi akkomodazzjoni soċjali, akkomodazzjoni għall-kiri affordabbli u sjieda tad-djar affordabbli. Fl-istess ħin, tali definizzjoni jenħtieġ li tippermetti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jidentifikaw gruppi fil-mira possibbli ta' persuni bħal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju li ma jistgħux jiksbu akkomodazzjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. Tali prijoritajiet jenħtieġ li ***jkunu marbuta mad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija u*** jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt ***il-prinċipji u l-valuri tal-inizjattiva*** tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju

għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell ***reġjonali u lokali***. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.

Or. en

Emenda 91
Cristina Guarda
f'isem il-Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropa

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet ***u*** fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ***tal-istokk*** ta' akkomodazzjoni affordabbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. Tali prijoritajiet jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt l-inizjattiva tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet, kif ukoll il-kostijiet	(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet**,** fil-kirjiet ***u fil-kontijiet tal-enerġija*** f'dawn l-aħħar snin. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ***ta' stokk*** ta' akkomodazzjoni affordabbli ***u effiċjenti fl-enerġija***, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. ***Tali interventi għall-akkomodazzjoni huma soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD) u jenħtieġ li jitwettqu b'mod koerenti mal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Rinnovazzjoni tal-Bini tal-Istati Membri, inkluż l-obbligu li jingħata prijorità lit-titjib tas-segmenti bl-agħar rendiment tal-istokk tal-bini residenzjali, li jiġi allokat appoġġ għal unitajiet domestiċi vulnerabbli, individwi b'faqar enerġetiku, u persuni li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali kif ukoll li tiġi promossa l-enerġija rinnovabbli ġġenerata fuq il-post, fil-qrib**

tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell lokali u tal-belt. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.

jew minn komunità tal-enerġija rinnovabbli, sistema effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali. Tali prijoritajiet jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt l-inizjattiva tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda ***u jippromwovu l-kompartiment tal-Istat Membru InvestEU għal Self għar-Rinnovazzjoni bħala servizz biex jappoġġa rinnovazzjoni effiċjenti tal-bini u akkomodazzjoni aktar affordabbli appoġġata minn Garanzija tal-UE***. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell lokali u tal-belt. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.

Or. en

Emenda 92
Denis Nesci, Antonella Sberna, Francesco Ventola, Giuseppe Milazzo

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti	(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. ***Il-gruppi żvantaġġati u l-familji b'introjtu baxx jintlaqtu saħansitra aktar, u jiffaċċjaw aktar diffikultajiet fl-aċċess għall-***

rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. Tali prijoritajiet jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt l-inizjattiva tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell lokali u tal-belt. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.

akkomodazzjoni u riskju dejjem akbar li jispiċċaw mingħajr dar. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati***, filwaqt li jiġi rrikonoxxut li d-definizzjoni ta' affordabbiltà tista' tvarja skont iċ-ċirkostanzi ta' kull Stat Membru***. Tali prijoritajiet jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt l-inizjattiva tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell lokali u tal-belt. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.

Or. en

Emenda 93
Dan Barna, Ľubica Karvašová

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. Tali prijoritajiet jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt l-inizjattiva tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell lokali u tal-belt. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.	(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. Tali prijoritajiet jenħtieġ li ***jimmiraw reġjuni inqas żviluppati u*** jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % ***f'każijiet speċifiċi, fejn il-benefiċjarji finali jkunu parti minn gruppi vulnerabbli,*** u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi ***mir-reġjuni inqas żviluppati***. Pereżempju, l-investimenti taħt l-inizjattiva tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet ***fejn akkomodazzjoni alternattiva tkun strettament meħtieġa u ma testendix għal perjodu ta' żmien itwal minn 12-il xahar***, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell lokali u tal-belt. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.

Or. en

Emenda 94
Dario Tamburrano, Valentina Palmisano

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet ***u*** fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ***tal-istokk*** ta' akkomodazzjoni affordabbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. Tali prijoritajiet jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt l-inizjattiva tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell lokali u tal-belt. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.	(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet***,*** fil-kirjiet ***u fil-kontijiet tal-enerġija*** f'dawn l-aħħar snin. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ***ta' stokk*** ta' akkomodazzjoni affordabbli ***u effiċjenti fl-enerġija***, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati***, billi jingħataw prijorità l-investimenti fil-bini bl-agħar rendiment, kif previst mid-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, kif ukoll appoġġ lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, liċ-ċittadini fil-faqar enerġetiku u liċ-ċittadini li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali***. Tali prijoritajiet jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt l-inizjattiva tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-

regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell lokali u tal-belt. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.

Or. en

Emenda 95
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. Tali prijoritajiet jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt l-inizjattiva tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni,	(10) L-akkomodazzjoni affordabbli hija sfida oħra li ġiet fuq quddiem nett minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u fil-kirjiet f'dawn l-aħħar snin. Bil-ħsieb li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu inċentivati jirduppjaw l-investimenti mill-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, fi ħdan l-ambiti rispettivi tagħhom, fil-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-istokk ta' akkomodazzjoni affordabbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali, jenħtieġ li jinħolqu objettivi speċifiċi ġodda taħt objettivi ta' politika differenti biex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-ipprogrammar tal-interventi għall-akkomodazzjoni taħt prijoritajiet iddedikati. Tali prijoritajiet jenħtieġ li jinvolvu l-possibbiltà li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni sa 100 % u li jkunu jibbenefikaw minn prefinanzjament addizzjonali ta' darba ta' 30 % tal-ammonti pprogrammati, sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits pubbliċi. Pereżempju, l-investimenti taħt l-inizjattiva tal-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet il-ġodda. ***Talbiet eliġibbli minn Stati Membri b'rata tal-erruri residwi tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni inqas mill-medja se jiġu mogħtija b'mod awtomatiku.*** Il-kostijiet li jirriżultaw mill-kiri temporanju ta' akkomodazzjoni alternattiva għall-okkupanti matul iż-żmien

bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell lokali u tal-belt. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.

tar-rinnovazzjoni jistgħu jkunu intitolati wkoll għall-appoġġ taħt tali prijoritajiet, kif ukoll il-kostijiet tar-riformi relatati mal-akkomodazzjoni, bħal xogħol preparatorju għal titjib fir-regolamentazzjoni tas-suq tal-akkomodazzjoni u l-permessi fil-livell lokali u tal-belt. Huwa xieraq ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-JTF f'dan il-kuntest.

Or. en

Emenda 96
Rody Tolassy, André Rougé, Julien Leonardelli, Marie-Luce Brasier-Clain, Denis Nesci

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
